MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 278/2004

**MCE Limited**

**vs**

**Joseph Farrugia fil-kwalita tieghu personali kif ukoll bhala direttur ghan-nom u fl-inteeress tas-socjeta Ceiling Systems Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Frar, 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut pro et nomine jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha mija erbgha u sittin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm764.43)rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tieghu stess. Illi s-socjeta konvenuta talbet u ottjeniet facilita ta' kreditu, u ghat-tali kreditu ghamel tajjeb f'ismu propju l-konvenut Joseph Farrugia.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta' Gunju, 2003, u bl-imhgax mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut pro et nomine iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut pro et nomine gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici solidament bejniethom is-somma ta' sebgha mija erbgha u sittin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm764.43). bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta' Gunju 2003 ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------